**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru: 274/2017 NL**

**Edmond Mangion (ID 7985M) u Daniela Mangion (ID 332784M)**

**Vs**

**Mapfre Middlesea p.l.c. (C 5553)**

Illum id-19 ta' Ottubru 2021

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat l-avviz tar-rikorrenti ppresentat nhar il-25 ta' Settembru 2017 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lil-intimata thallashom is-somma ta' €11,600.70 rapprezentanti in kwantu €10,800 valur tal-vettura EDM-084, kwantu ghal €800.70 rapprezentanti prezz ta' *pram* tat-trabi li kien tinsab fil-vettura meta wara spluzjoni li sehhet fit-30 ta' Ottubru 2016 vicin Sqaq Habel Wati, Gudja, l-imsemmija vettura sfat kompletament distrutta b'kull ma kellha fiha. Ir-rikorrenti jippremettu wkoll li minkejja li l-vettura taghhom kellha

kopertura tat-tip *comprehensive* mas-socjeta' intimata, din tal-ahhar qed tonqos milli tonora l-obbligi taghha ai termini ta' dik il-polza.

Fir-risposta taghha tal-11 ta' Dicembru 2017, is-socjeta' intimata eccepiet illi ((i) it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li r-rikorrenti naqsu li jiehdu dawk il-mizuri ragjonevoli kollha sabiex jipprotegu l-vettura assikurata minn telf jew hsara, kif kienu obbligati li jaghmlu a tenur tal-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza (ii) illi subordinatament u minghajr pregudizzju, ir-rikorrenti jridu jaghmlu prova tad-danni rejalment subiti minnhom u li dawn id-danni jistghu jitolbuhom skond il-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni (iii) salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[1]

Rat illi waqt l-udjenza tal-4 ta' Frar 2019, r-rikorrenti temmew il-provi taghhom, filwaqt li fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2020 is-socjeta' intimata iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq.

Rat illi waqt l-udjenza tat-__, il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex jigu ddikjarati maghluqa l-provi ta' l-intimata.[2]

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

---

[1] Folio 49 ta' l-atti processwali
[2] Folio 56 ta' l-atti processwali

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Provi**

Fl-affidavit tieghu, Marlon Mangion, il-licensee tan-nar tal-kamra tal-Madonna tac-Cintura tal-Gudja jghid li l-permess tal-kamra qieghed f'ismu, b'dan li hu responsabbli ghal dak kollu li jigri fil-manifattura tan-nar fl-imsemmija kamra. Ix-xhud jghid li huwa hu r-rikorrent Edmond Mangion u dakinhar tal-incident kien qieghed fl-ghalqa minn fejn isir il-hruq li kien mistenni jsir filghoaxija ta' dakinhar, 30 ta' Ottubru 2016.[3] Huwa jghid li l-vetturi taghhom, li kienu fil-vicinanzi peress li riedu jnehhu xi cestuni tal-injam u incirati li ntuzaw biex jilqghu mix-xita li kien hemm il-lejl ta' qabel, kollha gew *total loss* bil-hsarat estensivi li garrbu b'rizultat tal-ispluzjoni.

Fl-affidavit tieghu, ir-rikorrent Edmond Mangion essenzjalment jikkonferma l-istess fatti. Huwa jippreciza li l-vetturi taghhom qatt ma ntuzaw sabiex jingarr in-nar, li jista' jingarr biss taht skorta tal-pulizija u bl-ebda mod iehor.[4] Anke x-xhieda Karl Bonnici[5] u Dorian Desira[6], fl-affidavits taghhom jikkonfermaw l-istess verzjoni moghtija miz-zewg xhieda l-ohra.

[3] Fol. 19 tal-process
[4] Fol. 20 tal-process
[5] Fol. 21 tal-process
[6] Fol. 22 tal-process

Ir-rikorrenti jezebixxu wkoll il-polza f'isem il-licensee Marlon Mangion[7], prova li l-vettura giet *scrapped* u kopja tal-polza ta' assikurazzjoni bit-termini u kundizzjonijiet marbuta maghha.[8] Giet ezebita wkoll garanzija firmata mil-licensee Marlon Mangion fejn jinghad li huwa ser jaghmel tajjeb "*ghal kull talba ta' kumpens li tista' ssir minhabba mewt, korrimet jew hsarat fil-proprjeta' privata jew proprjeta' tal-Gvern kagun tal-hruq tan-nar ta' l-ajru in konnessjoni mal-festa tal-Madonna tac-Cintura, Gudja li ser tigi ccelebrata bejn 24-30 t'Ottubru 2016.*"[9]

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-verbal kongunt ta' bejn il-partijiet tat-12 ta' Ottubru 2018 fejn jinghad li "il-partijiet qablu illi l-ircevuti esebiti a fol. 47 tal-process u mmarkati bhala Dok. CG3 mhumiex qed jigu kkontestati fil-quantum taghhom u anke fl-awtenticita' taghhom u ghalhekk mhux necessarju li jigu mressqa l-originali tal-istess ircevuti u lanqas li jigu mressqa rapprezentanti ta' T'Angelina bhala xhieda dwar l-istess ircevuti"[10]

In kontroezami, ix-xhud Marlon Mangion jghid li l-vetturi kienu fl-ghalqa imma setghu jidhlu bihom fl-ghalqa u jghid li n-nar li gie eskortat kien jinsab fil-container filwaqt li dak li jinharaq fil-kanen kien diga' f'posti fil-kanen u mhux fil-container. Huwa jispjega li l-karozzi kienu fejn kienu peress li kienu qed juzawhom biex igorru. Huwa jispjega li f'kull kaz, il-blokok li kien hemm fl-ghalqa xorta nqalbu bl-ispluzjoni u li dak il-hin, ghall-habta tal-4:00pm, kienu qed igorru biss, u mhux jaharqu. Il-hruq tan-nar sehh aktar tard f'xi s-7:00pm.

Fix-xhieda tieghu Kenneth Camilleri, head of claims tas-socjeta' intimata, jghid li s-socjeta' Mapfre ma accettatx ir-repsonsabbilita' taht il-kundizzjoni numru 4

---

[7] A fol. 26-27 tal-process
[8] Dok CG1 a fol. 44 tal- process
[9] Fol. 71 tal-process
[10] Fol. 90 tal-process

tal-polza ossija l-kundizzjoni li taqra hekk: "*Your vehicle must be maintained in an efficient and roadworthy condition. You and any other person in charge of your vehicle must take all reasonable steps to protect it against loss or damage. When your vehicle is left unattended, its doors and windows must be closed and it must be kept locked with its keys removed. You must allow us free access to examine your vehicle at any reasonasble time*".[11] Meta gie mistoqsi jekk is-socjeta' intimata qisitx li kien hemm "*material non-disclosure*" b'rizultat tad-deskrizzjoni tal-incident da parti tar-rikorrent, ix-xhud iwiegeb li ghalkemm seta' jlahham id-dikjarazzjoni tieghu, huma ma dahlux fil-kwistjoni ta' material non-disclosure. Huwa jghid ukoll li r-rikorrent qatt ma rrifjuta li jaghti xi informazzjoni. Mistoqsi jekk is-socjeta' intimata qatt infurmatx lir-rikorrent li huwa ma kienx ser ikun kopert jekk idahhal il-vettura tieghu vicin in-nar, anke jekk ma jkunx qed jinharaq, ix-xhud iwiegeb li le, izda jghid ukoll li lanqas ir-rikorrent, qatt ma avzahom li huwa kien jidhol vicin in-nar bil-vettura.

**Ikkunsidrat**

Essenzjalment, anke kif tghid is-socjeta' intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-kontendenti jaqblu fuq hafna mill-fatti mertu tal-kaz. Dak li ma jaqblux fuqu huwa dwar ir-relevanza tal-fatt li r-rikorrent Edmond Mangion dahal fl-ghalqa fejn jaharqu n-nar tal-festa bil-vettura tieghu, u pparkjaha vicin il-*container* li kien fih il-materjal splussiv. Min-naha l-wahda r-rikorrent jghid li dan kien necessarju proprju biex jaccelleraw il-hidma taghhom li jnaddfu s-sit mill-incirati u njam li kienu uzaw biex jghattu n-nar mix-xita li kienet nizlet il-lejl ta' qabel. Min-naha l-ohra s-socjeta' intimata tghid li dan kien in-ness dirett tad-dannu soffert mir-rikorrent, u li kien nuqqas min-naha tieghu, meta ben

[11] Pagna 22 ta' CG1, fol. 44 tal-process

konsapevoli bir-riskji posti mill-ghalqa, hekk munita b'materjal splussiv, ipparkja l-vettura tieghu biss metri 'l boghod mill-ghajn ta' dawn ir-riskji. Ir-rikorrent jghid li ma kellux ghazla ohra ghax dan kien l-uniku post disponibbli lilu stante li bnadi ohra fl-ghalqa kien fihom il-*wires* tas-sistema piroteknika li, mirfusa bil-piz tal-vettura, kienu jitgharrqu. Huwa jghid ukoll li huma ma kinux qed jaharqu nar u ghalhekk ma kienx prevvist li seta' jkun hemm xi incident bhal dak li sehh.

Il-prevvedibilita' tal-event dannuz huwa wiehed mill-elementi necessarji sabiex din il-Qorti tiddetermina jekk l-azzjoni tar-rikorrent tistax tirnexxi.

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Francis Coleiro nomine vs Carmelo Cassar**[12] dik il-Qorti tghallem illi "*biex ikun hemm lok ghad-danni, jehtieg li wiehed setghat ippreveda d-disgrazzja li kkagunat id-danni. Il-prevedibilita' trid tkun ta' probabilitajiet ragonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili.*"

Issa f'dan il-kaz, l-azzjoni attrici hija bazata fuq hlas emanenti minn relazzjoni kuntrattwali ta' bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' assikuratrici. Fid-disposizzjonijiet applikabbli ghad-danni kontrattwali, senjatament l-**artikolu 1136 tal-Kodici Civili** jinghad illi "*id-debitur hu obbligat biss ghal dawk id-danni li bassar jew li wiehed seta' jobsor fiz-zmien tal-obbligazzjoni, izda dan kemm-il darba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni ma jkunx gew minn ghemil tieghu doluz*". Id-debitur tal-obbligazzjoni, f'dan il-kaz, is-socjeta' intimata, tishaq li hija qatt ma kienet infurmata u konsegwentement qatt ma setghet tobsor li r-rikorrent kien jesponi l-vettura tieghu f'post bhal dak mertu ta' l-incident. Mill-banda l-ohra, jidher li s-socjeta' intimata tallega li l-attivita' li kien qed iwettaq ir-rikorrent kellha ragonevolment twasslu biex jipprevedi l-event dannuz, u konsegwentement

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-24 ta' April 1964

jaghmel dak kollu possibli fil-poter tieghu biex jipprevjnieh. Di piu', jidher li tghid ukoll li l-attivita' piroteknika u s-sit fejn din kienet qed issir, tikkonsisti f'riskju serju ben mifhum minn bniedem ta' diligenza ordinarja kif prospettat fil-ligi, u konsegwentement tali bniedem kien ragonevolment jahrab dak il-periklu, u jaghmel dak kollu possibbli biex jaharbu u jipprevjeni kwalunkwe dannu li seta' jirrizulta.

Fis-sentenza **Raymond noe vs Busuttil pro et noe**[13] jinghad illi "*Ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` jew imprevedibilita` ta` l-event ghandha tigi applikata t-teorija tad-diligenza tal-bonus pater familias, li fin-nuqqas taghha ggib il-colpa tad-debitur*".

Is-socjeta' intimata torbot l-element tal-previdibilita' mal-kundizzjoni numru 4 tal-polza tal-assigurazzjoni li, fil-parti relevanti taghha, tghid "*You and any other person in charge of your vehicle must take all reasonable steps to protect it against loss or damage*". Is-socjeta' intimata tghid li r-rikorrent naqas, mhux biss meta m'avzahiex li huwa kien juza l-vettura assikurata maghhom biex igorr hwejjeg relatati mal-piroteknika (ghalkemm mhux in-nar innifsu) u li kien idahhal il-vettura tieghu vicin postijiet fejn l-istess nar ikun mahzun, izda li naqas meta, bi ksur ta' din il-kundizzjoni, huwa ma hax dawk il-passi kollha necessarji biex jipprotegi l-vettura tieghu, anzi, esponiha ghal riskji akbar meta pparkjaha proprju ma' genb il-*container* li kien fih in-nar li kien ser jinharaq aktar tard fil-jum tas-sinistru. Is-sinistru, ghas-socjeta' intimata, kien prevedibbli.

Issa huwa vera meta s-socjeta' intimata tghid li r-rikorrent seta' jobsor li huwa kien qed jawmenta r-riskju tal-vettura tieghu billi jpoggiha ma' genb il-*container* li fih kien hemm il-hazna tan-nar. B'daqshekk, pero', ma jfissirx li huwa seta'

---

[13] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali fis-16 ta' Novembru 1942 (Kollezzjoni Vol. XXXI p.I. p554)

ragonevolment jipprevedi spluzjoni. Dakinhar, kif irrizulta mill-fatti prodotti, hadd min-nies prezenti ma kien qed jaghmel xi attivita' li setghet tiskatta l-istess spluzjoni. Ghall-kuntrarju, jidher li l-lejl ta' qabel kienet ghamlet ix-xita, l-art setghet kienet imxarrba, u huma kienu merament qeghdin inehhu xi incirati u injam li kienu ghamlu bhala ilqugh ghall-ilma tax-xita. Tant hu hekk, li ma kienux il-hwejjeg li ghattew li hadu splodew, izda dak li kien mahzun fil-*container*. Ma jirrizultax li xi hadd ghamel xi haga biex jiddisturba din il-hazna. Din il-Qorti ghalhekk tqis li r-riskju huwa identiku ghal materjal splussiv jew kombustibbli sostanzjali migbur f'zona wahda izda li ma jkunx qed jigi manomess jew disturbat. Ghalhekk, ma jistax jinghad li l-event dannuz kien prevedibbli.

Dan biss, pero', ma jfissirx wahdu li kien hemm, jew li ma kienx hemm ksur tal-polza, li a bazi taghha s-socjeta' intimata ssejjes l-ewwel eccezzjoni taghha. Ghalkemm wiehed ma jistax jghid li r-rikorrent ippreveda l-event dannuz, dan ma jfissirx li huwa adempixxa l-obbligazzjoni tieghu li jiehu l-mizuri kollha necessarji biex jiehu hsieb il-vettura tieghu. Li ma pprevedix spluzjoni, ma tfissirx li hu ma kienx jaf li l-vettura tieghu poggiha proprju vicin materjal splussiv. Ghall-kuntrarju, m'hemmx l-icken dubju li r-rikorrent kien jaf tajjeb li l-vettura poggiha proprju ma genb il-*container* mimli nar li kien ser jinharaq dak il-lejl. Ghalhekk, fl-adempiment tal-obbligazzjoni *ex contractu* li temanixxi mill-polza tal-assigurazzjoni, m'hemmx dubju li r-rikorrent naqas.

Bl-obbligu li tiehu 'il-passi kollha ragonevoli sabiex tipprotegi l-vettura tieghek', l-ebda persuna ragonevoli ma kienet se tpoggi l-vettura taghha ma genb kontenitur li tikkontjeni ammont kbir ta' materjal kombustibbli u splussiv. B'dan kollu, il-Qorti mhijiex tippronunzja ruhu dwar jekk kienx ir-rikorrent li, b'xi negligenza tieghu, ikkawza d-dannu soffert minnu stess – izda li bl-agir

tieghu, huwa kiser l-obbligu kontrattwali assunt minnu fil-polza assikurattiva mas-socjeta' konvenuta.

Konsegwentement, fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, din il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrent ma tistax tintlaqa' u ghalhekk m'ghandhiex htiega tidhol fil-bqija tal-eccezzjonijiet.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba ghar-ragunijiet kif spjegati, u konsegwentement tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**